**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 1074 / 2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Maria Perrett**

Illum l-1 ta' Lulju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata Maria Perrett detentrici tal-karta tal-identità numru 982549M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-14/01/2008, f'dawn il-Gzejjer Maltin bi ksur tal-Art 104 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tat xhieda falza fi proceduri kriminali u talli nhar is-7/7/2009 bi ksur ta' l-Art 106 u 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tat xhieda falza f'materja civili u/jew halef il-falz quddiem l-imhallef jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha ta' ligi li jaghti gurament.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-12 ta' April 2021, fejn il-Qorti ma sabitx lill-imputata Maria Perrett hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u kwindi lliberatha minnha stante li ma gietx ippruvata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali,ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Mejju 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, skond il-Liġi tħassar u tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu l-liberatorja fuq l-unika imputazzjoni li hemm fil-konfront tal-appellata Maria Perrett, u minflok issib lill-appellata ħatja tal-istess imputazzjoni kif miġjuba fil-konfront tal-istess appellata u tipproċedi sabiex u tinfliġġi piena skont il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti u cioè:

Illi fil-ħmistax (15) ta` April tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) l-atti proċesswali tal-proċeduri fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest fejn l-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati kif ppreseduta, permezz tas-sentenża Tagħha kif hawn fuq riferita, inter alia għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li filfatt wasslet għall-ħelsien tal-imputata quo appellata mill-unika imputazzjoni miġjuba kontriha u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi umli appell ai termini tal-Artikolu 413 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għar-raġunijiet segwenti:

Illi fuq livell bażilari, fl-umli fehma tal-esponent huwa fatt irrifjutabbli li se jirriżulta ampjament ċar lil din l-Onorabbli Qorti, anki mill-provi prodotti u dak li jiżvolġi mill-evidenza miġjuba quddiem l-ewwel Qorti, illi anki l-istess Qorti tal-Maġistrati esprimiet fis-sentenza tagħha posizzjoni li kienet moralment konvinta li l-aġir tal-appellata, li jirriżulta ampjament ċar li wasal għal ksur tal-Artikolu 106 tal-Kodiċi Kriminali, u dan kif se jiġi sottolinnejat fis-segwenti sottomissjonijiet u anki fi stajdu ta` trattazzjoni f'dan l-appell;

Illi bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, l-analiżi tal-provi li għamlet, u l-interpretazzjonijiet li ħarġu minn tali analiżi, għalkemm validi ai fini ta` konsiderazzjoni tal-evidenza kollha kif tinsab fl-atti, madanakollu tali analiżi w interpretazzjonijiet kienu kemmxejn estranji għal fatti spece tal-każ nnifsu u, nonostante li f'diversi siltiet tas-sentenza nnifisha ġew ikkwotati l-insenjamenti tal-Professur Mamo u anki tal-kittieba w ġuristi Taljani, madanakollu l-esponent umilment jikkontendi illi l-elementi kostitwenti tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputata quo appellata ġew ben stabbiliti ai termini tal-liġijiet applikabli u dak li kkunsidrat l-ewwel Qorti imur oltre għal dak li kien meħtieġ u ma hu tal-ebda piż legali ai fini ta` ħtija o meno;

Illi qabel xejn, għandhu jiġi rilevat illi l-liġi hija ben ċara fl-**Artikolu 104 tal-Kodiċi Kriminali**, li tgħid:

*(1) Kull min jagħti xiehda falza fi proċeduri kriminali dwar delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta` priġunerija għal żmien sentejn, sew kontra kemm favur il-persuna imputata jew akkużata, jeħel, meta jinsab ħati, minn sentejn sa ħames snin priġunerija.*

*(2) Iżda, jekk il-persuna akkużata tiġi kkundannata għal piena akbar mill-piena ta` priġunerija għal żmien ħames snin, ix-xhud li jkun ta' x-xiehda falza kontra dik il-persuna fil-kawża, jew, li mix-xiehda tiegħu jkun sar użu kontra il-persuna akkużata f'dik il-kawża, jeħel dik il-piena akbar.*

Kif ukoll, l-**Artikolu 106 tal-istess Kodiċi Kriminali** jgħidilna wkoll:

*(1) Kull min jagħti xiehda falza f'materja ċivili, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta` priġunerija minn seba` xhur sa sentejn.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) jgħoddu għal kull persuna li, bħala parti f'kawża ċivili, taħlef il-falz.*

*(3) Kull min jagħmel affidavit falz, kemm jekk f'Malta kemm jekk barra minn Malta, waqt li jkun jaf li dak l-affidavit ikun meħtieġ jew maħsub għal proċeduri ċivili f'Malta, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1);*

Finalment, l-**Artikolu 108 tal-istess Kodiċi Kriminali** jgħidilna:

*(1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel ta` dan is-sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef, maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi li jagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati:*

*(a) il-piena ta` priġunerija minn erba` xhur sa sena, jekk il-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta` waħda mill-qrati ta` Malta;*

*(b) il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jekk il-ġurament ma jkunx hekk meħtieġ jew ordnat.*

*(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux għall-ġuramenti promissorji.*

Illi għaldaqstant, anki minn qari tal-liġi odjerna stess, jidher ampjament ċar illi sabiex jirriżultaw l-elementi ta` kwalsijasi Artikolu sui indikat, ma hemm l-ebda rekwiżit illi jitlob illi x-xhud in kwistjoni għandhu jagħti xiehda determinanti għall-proċeduri konċernati fejn ingħatat ix-xiehda falza, u għal din ir-raġuni l-esponent ma jistax jaqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti illi "... *x-xiehda tal-appellata Maria Perett ma tistax tikkostitwixxi spergur ai termini tal-liġi u dan ghaliex ma kinitx determinanti ghall-ezitu ta` dawk il-proceduri ...*";

Illi nonostante is-suepost, u dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponent jikkontendi li, anki jekk anki għal grazzja tal-argument din il-kunsiderazzjoni kif sollevata mill-ewwel Qorti għandha tiġi esplorata, l-esponent huwa tal-umli fehma li tali interpretazzjoni ma treġġix, għax infatti l-element '*determinanti*' li seta kien hemm fix-xiehda tal-appellata Maria Perett kien sempliċiment il-fatt li l-kontenut tal-istess xiehda segħtat tiżvija lil ġudikant billi tagħti impressjoni, jew anzi tikkonferma, li l-manuvra/messa in scena li kien ħareġ biha Noel Tanti kienet infatti il-verita` (u dan ma seta qatt ikun kif jixdhu l-provi esebiti quddiem l-ewwel Qorti). Tkun ġurnata pessima għal interessi tal-ġustizzja jekk kemm il-darba l-isperġur jiġi eżonerat minħabba l-intelliġenza w is-sapjenza tal-ġudikant li jkun qiegħed jisma` tali xiehda u jkun jaf jixtarr bejn gidba u verita`, u għaldaqstant l-esponent jisħaq illi l-argument illi xiehda trid tkun bilfors 'determinanti' sabiex jirriżultaw l-elementi tal-Artikoli 104, 106 u 108 tal-Kodiċi Kriminali, jekk kemm il-darba għandhu dan l-argument jreġi f'dawn il-każijiet, l-element 'determinanti' o meno tax-xiehda f'dan il-każ huwa kemmxejn dibattibli u l-esponent, umilment iżda ċertament, m'huwiex tal-istess

fehma bħal l-ewwel Qorti fejn tidħol l-ipoteżi jekk tali xiehda tal-appellata Maria Perret hijiex determinanti jew le;

Illi kombaċut mas-suepost, huwa l-istess Profs. Mamo li ġie kwotat mill-ewwel Qorti li jgħallimna li reat huwa vjolazzjoni ta` liġi promulgata mill-iStat u kommessa b'att estern minn persuna, tramite kommissjoni jew anki ommissjoni, fejn tali persuna, bħala aġent intelliġenti w libera, hija moralment responsabbli ta` tali att, u kwalunkwe reat m'għandhux jiġi evalwat b'mod astratt, anzi, għandhu jiġi evalwat b'mod konkret waqt li debita konsiderazzjoni għandha tingħata lil kull ċirkostanza li taggrava jew tnaqqas ir-responsabilita` tal-aġent, u dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jkunu parti integrali mill-att innifsu jew mill-aġent stess. L-istess Profs. Mamo jgħallimna wkoll id-distinzjoni bejn reati formali u dawk materjali, u hawn hekk l-esponent, bl-ikbar rispett, jissottolineja n-nebulożita` tar-raġunament tal-ewwel Qorti, u dan għaliex tenut kont tad-diċitura tal-Artikoli sui riferuti, jirriżulta ben ċar illi r-reati kif kontemplati fl-Artikolu sui riferuti, salv l-aggravju kif stipulat l-Artikolu 104(2) tal-Kodiċi Kriminali (li ċertament ma japplikax għal każ odjern), għandhom jiġu kkonsidrati bħala reati formali;

Illi bir-rispett kollu lejn l-ewwel Qorti, kienet hi stess li għażlet li tikkwota lil Profs. Mamo tali mod illi jagħti sostenn għal dak li l-esponent qiegħed jisħaq fis-suespost, ossia:

> *"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. The law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are* ***entirely irrelevant to the cause*** *and which,* ***whether true or false, could in no way influence the result****, the crime could not arise because* ***no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist****... if the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other,* ***it does not matter that it has not in fact influenced such decision****. All the authorities are unanimous that* ***a crime of false***

***<u>testimony is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court</u>"***;

Illi f'dan ir-rigward, l-esponent umilment jistaqsi, b'liema mod ma jirriżultax illi l-kontenut tax-xiehda tal-appellata ma kienx materjali għal każ odjern li kien qiegħed jinstema, kemm dak ta` quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kemm dak quddiem Qorti Ċivili Prim'Awla, kif spjegat fis-suepost?. F'dan ir-rigward għandhu jingħad ukoll illi l-fatt waħdu li tali xiehda falza saret f'żewġ istanzi separati quddiem żewġ Qrati differenti, dan biss għandu diġa jitfa` dawl qawwi fuq l-element tal-mens rea tal-appellata Maria Perett meta r-reat tal-isperġur meritu tal-każ odjern kien qiegħed jiġi kkonsmat, għal darba, darbtejn!;

Illi għal kull bon fini, l-esponent ma jistax ma jikkummentax illi f'dan ir-rigward, tenut kont tal-fatt li tali xiehda falza ingħatat f'żewġ istanzi separati, quddiem żewġ Qrati differenti, **b'distakk ta` sena w nofs minn okkurrenza għal oħra**, fl-umli fehma tal-esponent wieħed bl-ebda mod ma jista jargumenta illi dan kien sempliċiment żball ġenwin da parti l-appellata, li l-appellata nnoċentament ħawdet fil-fatti quddiem il-Qrati Maltin għal iktar minn darba, jew li saħansitra l-appellata ma kellha l-ebda interess li tiddeponi falz quddiem il-Qrati Maltin in linea ma` dak li kienet ftehmet ma` Noel Tanti u Antoine Tanti, u f'dan ir-rigward l-esponent umilment ma jaqbilx mal-ewwel Qorti illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jimmaterjalizzawx fatti illi juru li l-appellata kellha interess u gwadann jekk kemm il-darba tiddeponi falz quddiem il-Qrati Maltin li sabet ruħha quddiemhom.

Semghet lill-partijiet jittrattaw dan il-kaz u dan fis-eduta tas-17 ta' Gunju, 2021.

Ikkunsidrat.

Illi dan hu appell tal Avukat Geenrali fejn qed isostni li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta stqarret fid-decide taghha li jrid ikun hemm rekwiżit li x-xhud jaghti xiehda falza li hija determinanti għall-proċeduri konċernati u għal din ir-raġuni ma jistax jaqbel mar-raġunament tal-ewwel Qorti illi "... *x-xiehda tal-appellata Maria Perett ma tistax*

*tikkostitwixxi spergur ai termini tal-liġi u dan ghaliex ma kinitx determinanti ghall-ezitu ta` dawk il-proceduri ...*"; L-appell tieghu hu proprju ibbazat fuq dan il-punt.

Din il-Qorti ghalhekk qabel ma tista tidhol fuq din ill-materja u tindika x;inhuma l-elementi tar-reat li bihom giet akkzuta l-appellanti ghandha l-ewwel taghmel riassunt tax-xhieda li instemghu f'dan il-kaz b'referenza naturalment ghad-dokumenti esebiti minnhom. Id-difiza miun naha l-ohra taqbel mas-entenza moghtija mill-ewwel Qorti u tghid li dak li stqarret l-appellanti bl-ebda mod ma iwassal ghal spergur.

Ikkunsidrat.

Il-prosekuzzjoni pprezentat l-affidavit ta' **WPS 110 M Scicluna** fejn din kkonfermat li nhar l-20 ta' Mejju 2012 kienet irceviet kwerela minn Dr Sylvana Tanti fejn giet mitluba tohrog akkuzi fil-konfront ta' Noel Tanti, Maria Perett u Mario Xuereb u dan ghaliex fil-kawzi li kellhom bejn Sylvana Tanti u Noel Tanti l-istess kwerelati taw xhieda falza. Sylvana Tanti spjegat li ghandha provi u dokumenti bizzejjed biex tipprova li Noel Tanti kienet xehed falz u li kien reessaq xhieda ohra fil-proceduri li ukoll xehdu l-falz. Sylvana Tanti spjegat li kienet ghaddejja minn proceduri ghas-separazzjoni minn ma zewgha Noel. Qaltilha li Maria Perrett kienet xehdet il-falz f'zewg seduti u cioe nhar l-14 ta' Jannar, 2008 u fis-7 ta' Lulju, 2009, pero f'hiex kienet tikkonsisti din ix-xhieda ma tghidx u lanqas ma tindika quddiem min kienu dawn instemghu dawn iz-zewg seduti.

**Sylvana Tanti** xehdet nhar id-19 ta' Frar 2018 u spjegat li meta Maria Perett xehdet f'kawza civili kif ukoll f'kawza rkiminali allegat li xehdet il-falz u li ma pprezentatx id-dokumenti kollha. Murija xhieda li allegatament tat Maria Perrett quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta quddiem il-Magistrat Dr Doreen Clarke nahr l-14 ta' Jannar 2008 markata bhal dok ST4 fl-atti tal-kumpilazzjoni 569/2007 fl-ismijiet **<u>il-pulizija vs Noel Tanti u Anthony Tanti</u>** tghid li dik hija ix-xhieda li qed tirreferi ghaliha bhala xhieda falza. Murija xhieda ohra markata bhala dok ST5 li inghatat minn Maria Perrett quddiem l-Imhallef Joe Zammti Mc Keon fis-7 ta' Lulju, 2009 tghid li dik hija ukoll xhieda falza.

Tispjega b'referenza ghal tali xhieda li Noel Tanti huwa zewghha u kienu krew minghand Maria Perett hanut minghandha u cioe 65, St Georges road, San Giljan.

Mistoqsija min hu Mario Xuereb tghid li kien wiehed mill-impjegati taghhom f'dan il-hanut. Qalet li kienu krew dan il-hanut minghandha fis-sena 2002. Qalet li in segwitu Perrett kienet kriet dan il-fond lil hu r-ragel taghha Antoine Tanti u dan meta hija kienet ghaddejja minn separazzjoni minn ma zewghha. Tghid li Maria Perrett fil-proceduri Civili u Kriminali kienet qalet li hija dawret il-kera ghal fuq Antoine Tanti ghaliex Noel Tanti ma kienx qed ihallas il-kera. Qalet li hija dahlet fid-dar matrimonjali u irnexxilha tigbor i-ktieb tal-kera u irrizultalha li zewgha baqa' ihallas il-kera. Spjegat ukoll li Perrett kienet taf x'inhi taghmel meta dawret il-kera ghal fuq Antoine ghaliex irceviet ukoll is-somma ta' €15,000 bhala rigal.

Illi nhar it-8 ta' Ottubru 2018 regghet xehdet u pprezentat il-kuntratt tal-kirja li kellha flimkien ma zewgha u din giet markata bhala dok ST1. Dan id-dokument jirrelata ghal kirja ta' hanut gewwa Paceville li kienilu miftuh ghal 24 sena u l-business kien ghadu on going u huwa mghruf nhala The Champ pastizzerija Qalet li dan il-kuntratt gie iffirmat minnha izda illum kuljomha Zammit minn zewghha Noel Tanti u minn Maria Perrett. Qalet pero li meta fethet il-kawza ghas-separazzjoni l-aaffarijiet taghha kienu qed jigu imnehhija minn fuqha b'mod sistematiku u dan minghajr il-firma taghha. Hija esebiet dokumenti li gier markat bhala dok ST2 li huwa skrittura li sar bejn Noel Tanti u Maria Perrett fejn permezz ta' l-istess huwa iddikjara li kien qed jittransigi pendendiz li kellu maghha dwar il-gestjoni tal-hanut numru 65 St Georges road San Giljan. Hija esebiet ukoll kopja tal-kuntratt tal-kirja l-gdida li saret ma Antoine Tanti datat 14 ta' April 2005 liema kuntratt hu markat bhala dok ST3. Spjegat li skond dan il- kuntratt ST3 Maria Perrett irceviet xi flus pero meta xehdet Perett quddiem il-Magistrat Clarke ma semmietx dawn il-flejjes Qalet biss li dawret il-kirja fuq hu Noel u cioe fuq Antoine ghaliex Noel ma kienx qed ihallasha l-kirja Hija esebiet fotkopja tal-ktieb tal-kera fejn jirrizulta li Noel Tanti baqa' ihallas il-kera u opja ta' Mandat ta' Qbid li hija kienet pprezentata kotnra zewghha ghall-ammont ta' €200,000 rappresentanti sema mill-komunjoni tal-akkwisti.

**Anthony Tanti** xehed nhar l-24 ta' Gunju 2019 u kkonferma li jigi hu Noel Tanti Mistoqsi jekk jaffx lill-appellanti jghid li jafha bhala sid l-fond li kien jikri huh Noel. Qal li huwa ukoll kien ghamel kuntratt ta' kera maghha. Muri l-kuntratt datat 14 ta'

April 2005 redatt min Nutar Pierre Falzon jghid li dan hu l0kuntratt li kien ghamle mal-appellanti meta kera l-fond minghandha Qal li kien taha hmistax-il elf euro (€15,000) rigal u dan f'zewg jew tlett pagamenti. Qal li huh kien ghaddej minn separazzjoni mal-mara u kien waqa' llura fil-pagamenti u ghalhekk kien telaq il-hanut. Huwa mar ghand l-appellanti u talabulha u waslu ghall-ftehim gdid li gie redatt quddiem in Nutar Pierre Falzon. Qal li apparti il-€15,00 kien hallas ukoll xi zewg jew tlett pagamenti li huh ma kienx hallas u hallashom min flokhom. Meta ha l-hanut hu dan kien gja maghluq u ma kienx qed jopera.

Rat in-nota tal-parte civile prezentata fl-atti nhar l-4 ta' Lulju, 2019 liema nota giet prezentata bil-firma tal-avukat difensur tal-appellant[1] u permezz ta' l-istess esebiet is-segwenti dokumenti:-

1. Affidavit ta' Noel Tanti li kien gie prezentat f'kawza civili numru 1/2005 fl-isimijiet **<u>Sylvana Tanti pro et noe vs Noel Tanti</u>** mahluf nhar l-14 ta' Dicembru, 2009.[2]
2. Affidavit ta' Noel Tanti li kien gie prezentat f'kawza civili numru 1/2005 fl-isimijiet **<u>Sylvana Tanti pro et noe vs Noel Tanti</u>** mahluf nhar l-5 ta' Ottubru, 2009.
3. Kopja ta' xhieda li inghatat minn Noel Tanti fil-kawza li kienet qed tinstema f'kawza civili li kienet preseduta mill-allura Imhallef Noel Cushieri liema xhieda hija guramentata u mghotija nhar it-12 ta' Novembru, 2008.[3]
4. Xhieda moghtija mill-appellanti bil-gurament fil-kumpilazzjoni li kienet qed tinstema fil-komfront ta' Noel u Anthony ahwa Tanti, liema xhieda inghatat nhar l-14 ta' Jannar, 2008.[4]
5. Xhieda moghtija minn Maria Perett nhar is-7 ta' Lulju, 2009 quddiem l-Imhallef Joe Zammit Mc Keon fil-kawza rikors numru 633/2008JZM fl-ismijiet **<u>Sylvana Tanti vs Noe Tanti et.</u>**[5]

[1] Fol. 94 ta' l-atti
[2] Fol. 96 ta' l-atti
[3] Fol. 110 tal-atti
[4] Fol. 117 tal-atti
[5] Fol. 119 ta-atti processwali

Illi l-kwerelanti Sylvana Tanti stqarret li l-appellanti xehdet il-falz meta qalet f'xi xhieda taghha li Noel Tanti ma kienx qed ihallas il-kera u li kien ghalhekk li hija ghamlet kuntratt gdid ma huh Antoine meta dan ma kien veru xejn ghaliex zewghha kien ghadu qed ihallas il-kera. Di piu stqarret li l-appellanti xehdet il-falz meta ma qalitx li rceviet is-somma ta' €15,000 bhala rigal fuq il-kirja tal-fond.

Ghalhekk biex din il-Qorti tasal li in effetti sar hekk trid l-ewwel tanalizza u tifli ix-xhieda moghtija permezz tal-fotokopji ta' affidavits u xhieda li gew presentati minkejja li f'proces kriminal l-ahjar prova hija dik moghtija viva voce il-Qorti. Jidher pero li kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni ma kellhomx oggezzjoni ghal din il-procedura stante li l-Avukat Generali ma ghamel l-ebda referenza ghal din il-materja fir-rikors tal-appell tieghu waqt li l-avukat difensur tal-appellant iffirma n-nota tal-kwerelanti li giet prezentata fl-atti minghajr ebda riservi ta' xejn. Ghalhekk din il-Qorti trid issa toqghod fuq tali xhieda dokumentata biss

**Noel Tanti** fl-affidavit li huwa pprezenta quddiem il-Qorti Civili (sezzjoni tal-familja) fil-kawza fl-ismijiet **<u>Sylvana Tanti pro et noe vs Noel Tanti</u>** jghid li meta telqitu l-martu Sylvana waqa' f'depression u jghid li minn familja bit-tfal spicca wahdu. Qal li martu kienet sparixxiet bit-tfal b'kollox u kien ghamel xi disgha xhur ma jafx fejn kienu u kien anke qabbad *private investigator.* Qal li martu telqet ff'Awwissu, 2004 u rega beda jara t-tfal f'Dicembru, 2004 u kellu hafna dizgwid f'hajtu u beda jittraskura x-xoghol ghaliex ma kellux mohh jahdem u anke waqa' lura bil-pagamenti tal-kera ma Maria Perrett. Qal li kien ghalhekk li wasal biex jghamel il-kitba li ghamle mas-sinjura Perrett biex jehles mill-obbligi tieghu tal-hanut . Jaf li wara is-sinjura Perett ghamlet kutnratt gdid ma huh Antoine izda hu ma kellu x'jaqsam xejn mieghu Huh kien talbu jghinu bi hlas u dak iz-zmien kellu hafna djun anke fuq id-dar tieghu. Kellu pagamenti ta' madwar €1,400 fix-xahar u ghalhekk kien accceta u huh kien qed itih €2,500 mensili daqqa ftit izjed u daqa ftit iktar . Huwa jingieb hafna ma huh. Kien qed jghinu jghamle il-pagamenti li kellu jghamel inkluz il-hlas tal-manteniment lil martu.

Fl-affidavit tieghu li gie prezentat fil-Qorti Civili ( Sezzjoni tal Familja) nhar is-6 ta' Ottubru 2009 fl-istess jawza li kient qed tinstema quddiem l Imhallef Noel Cuschiere, Noel Borg jirrepeti dak li kien qal fl-affidavit precedenti salv li jghid li darba minhom kien i-dar f Awwissu 2004 u kien cempel it-tifel ta' Theo Said u beda jghajjat ma

Sylvana fuq it-telefon u jallega li kient qed tkissirlu familha uqallha li ried ikellem lilu. Huwa mar jiltaqa mieghu u dan urih diversi messaggi li gew skambjati bejn martu Sylvana u missieru. Jghid li dakinahr martu telqet mid-dar bit-tfal u ma regax tkelmu Qal li kien ipprezenta rikors il-Qorti fejn gie ordnat ihalals mantniment ghat tfal izda mhux ghaliha u li setgha jibqa jghix fid-dar matrimonjali . Jaghti hafna informazzjoni li kienet relevanti ghas-separazzjoni tieghu izda mhux ghall-kawza odjerna.

Fix-xhieda tieghu mghotija in kontro esami nhar it-12 ta' Noembru, 2008 fl-atti tal-kawza tas-separazzjoni jghid li xoghlu kien li jghin lil huh fil-hanut jghamel il-kontijiet u jahdem jum is Sibt, il Hadd, It-Tnejn u gieli l-Erbgha . Qal li qabel dan ix-xoghol kien self employed izda waqaf jiggestixxi dan il-nhanut u ha over huh Antoine. Jghid li huwa jghin lil huh f'dan in-negozju ghaliex ghandu tlett ihwienet Fil-present kien qed itih €250 fil-gimgha. Qal li huwa kien qabez il-kera mas-sid Maria Perrett u ghalhekk qallha li ma setax ikompli u hija nnegozjat kuntratt gdid ma huh Jikkonferma li flus qatt ma ha minghand huh in konnessjoni ma dan it-trasferiment tal-avvjament. Qal li pero dak iz-zmien meta kien hu fil-hanut kien jaqla hafna, kien jaqla xi LM1,000 fil-gimgha.

**Maria Perrett** fix-xhieda taghha moghtija fil-kumpilazzjoni li kien hemm pendenti fil-konfront ta' Noel Tanti u Anthony Tanti nhar l-14 ta' Jannar, 2008 taghmel referenza ghall-iskrittura privata datata 8 ta' Frar, 2001 iffirmata minnha u minn Noel u martu Sylvana konjugi Tanti permezz ta' liema kienu hadu b'titolu ta' lokazzjoni l-fond 65 St George's road, San Giljan. In segwitu nhar l-14 ta' April 2005 hija ffirmat terminazzjoni ta' din il-lokazzjoni flimkien ma Noel Tanti u dan ghaliex Noel ma kienx qed ihallas il-kera u fil-fatt l-ahhar pagament kien ghamlu huh Antoine u ghalhekk hadet l-opportunta biex tidhol fi ftehim gdid ma Antoine Tanti. Tghid li fil-perijodu meta Noel ma kienx qed ihallasha l-kera gili kienet tara lil Antoine wahdu fil-hanut ghalkemm ma tantx kienet tmur hemm Tikkonferma li min meta ittrasferiet il-hanut fuq Antoine 'l quddiem kienet tara lilu fil-hanut. Qalet li ma Slvana tkelmet biss f'dik l-okkazjoni tat-8 ta' Frar 2001 meta kienet iffirmat l-lokazzjoni originali maghha u ma zewgha Noel.

**Maria Perrett** xehdet ukoll quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is-7 ta' Lulju, 2009 fir-rikros numru 633/2008 JZM fl-ismijiet <u>**Sylvana Tanti vs Noel Tanti et**</u> u ghal

darb ohra tghid li Noel ma kienx qed ihallasha il-kera u kien ghalhekk krietu lil huh Antoine biex dan ihalasha Tghid i kien ghamel sena shiha ma ihallashiex . Tghid li ma kienx hallasha u wara huh Antoine qallha li kien ser jiehdu hu Mistoqsija ghaliex Sylcana ma dehritx fuq il-kuntratt meta ittermiant il-kirja ma Noel tghid li ma tafx hija marret ghandi in Nutar u kien hu li jaf x'qed jghamel ghaliex hi ma tifhimx . Hija dejjem ahdemt bl-sitess nutar Dr Pierre Falzon. Mistoqsija jek kabghtitx xi ittra il lNoel meta dan ma hallashiex tghid li le u dan ghaliex hija ghandha post hdejh u kinet tarah u titlobhomlu . Mistoqsija jekk hux minnu li huh taha rigal tghid iva u kienu tiehmu li mal-kuntratt gdid tircievi rigal Mistoqsija jekk kientix tar alil Noel fil-hanut tghid li le kient tarah ghaddej. Tghid li taf l ima kienx qe dikun hemm il hin kollu ghlaiex hija ghandh apost bieb ma biex ma kientix tarah hemm Qabel kient tarah hemm il-hin kollu. Mistoqsija jekk in Nutar staqsiha ghaliex ma kienxhemm Sylvana tghid li ilha hadd ma qalilha xejn u hija ma staqsietx. Ex admissed tghid " Jien ghid la ha mmur ghand in-nutar hu jifhem ghax jien ma nifhimx."

**Mario Xuereb** xehed fil-kawza li kien hemm pendenti quddiem il- Prim Awla tal-Qorti Civili rikors numru 633/08JZM fl-simijiet **Sylvana Tanti vs Noel Tanti et.** Dan spjega li jaf lil konjugi Tanti ghaliex kien jahdem maghhom. Ikkonfemra li Sylvana qabdet u telqet mid-dar bit-tfal ghaliex kellha wicc haddiehor. Jghid li meta sehh dan Noel waqa' f'depression. Beda ma jhallasx in-nies, kellu problemi finanzjajri anke biex jithalsu kienu joqghodu jitolbu li jithalsu. Jaf li sid il-kera kient tkun sejra u gejja ghaliex kien waqa' b'lura u kemm il-darba marret twissih. Fil-fatt kien jibza u kien qed jahseb li ifittex job iehor ghaliex is-sitwazzjoni li kien fiha ma tantx kienet wahda sabiha fejn is-salesmen kienu jmorru ghal flus u dawn ma jithalsux. Meta Noel spicca minn hemm mar huh Antoine bhala l-imghallem tieghu u kienu qalulu li kellu isaqsi lil Antoine jekk ried xi haga. Qal li meta telqitu l-mara beda jikkollassa kollox. Qal li sar jaf li lanqas it-tfal ma kien qed jara ujekk tkelmu lanqas bongu ma kien qed ighidlu. Jaf li kellu depression qawwi.

Dan l-ahahr pero deher li kien qed johrog minn din id-depression. X'kien ghaddej bl-ezatt fir-rigward negozju tieghu majafx ghax hu impjgat tieghu kien pero jaf li darba minnhom mar huh Antoine u qalu li kien l-imghallem il-gdid tieghu. Minn hemmhek beda jirraporta lilu ghall-paga u ghall-affarijiet. Jghid li Noel ma ressaqx hemm iktar.

Mistoqsi jekk baqax jara sid il-kera jghid li kien jarha tigi titkellem ma Antoine. Mistoqsi x'kariga ghadnu f'dinil-pastizzeria jghid li jghamel kollox pero fuq gewwa kien ikun. Mistoqsi jekk Noel ragax beda jmur jghid li ma jafx ghaliex huwa fuq gewwa kien ikun . Fuq karti ma kellux x'jaqsam.Mistoqsi jekk qatt tkellem mas-sinjura Perrett jghid li ma kellhiex ghalfejn tkelmu. Ix-xhud xehed dwar ir-relazzjoni li Noel kellu ma martu qabel u wara li saret il-firda ta' bejniethom pero dak li qal f'dan ir-rigward m'ghandux relevanza ghal dawn il-procduri odjerni.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi l-Avukat Generali intavola appell ghaliex stqarr li Maria Perrett xehdet il-falz f'diversi proceduri meta qalet li Noel Tanti ma hallasx il-kera u li kien ghalhekk li iffirmat kuntratt ta' kera gdid ma huh Antoine. Illi ghalhekk sta ghall-prosekuzzjoni li tipprova fl-ewwel lok x'qalet Maria Perrett u wara ghaliex dak li qalet fil-fatt mhux minnu u dan sabiex tisostanzja l-akkuza taghha ta' spegur. Dan qedjinghad ghaliex mhux ku darba li xhud ma jghidx ezatt l-istes haga ifisser li qieghed jixhed il-falz. Din il-Qorti f'dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Frank A. Tabone) vs Louis Attard**[6] fejn inghad is-segwenti:-

> *Mhux l-ewwel darba li l-Qrati taghna sia dawk Civili kif ukoll Kriminali jkunu rinfaccjati b'dikjarazzjonijiet kontrastanti ghal xulxin bil-partijiet f'kawza hafna drabi jispiccaw jaghtu verzjonijiet kompletament differenti tal-istess fatt jew akkadut. Fil-kamp kriminali, konflitt tal-provi jista' jwassal ukoll sabiex iqanqal dubju dettat mir-raguni u b'hekk jiskolpa l-imputat. Huwa sottomess li l-linja li timmarka d-differenza bejn il-kunflitt tal-provi u l-ispergur hija linja sottili hafna; is-sitwazzjoni tkompli tikkomplika aktar ruhha jekk il-verzjonijiet kontrastanti ma jkunux sorretti minn fatti jew elementi tangibbli li jattribwixxu certezza lill-verzjoni wahda ad eskluzjoni tal-ohra. Mhux necessarjament ghalhekk li fejn ikollok konflitt tal-provi, xi hadd mill-partijiet jkun bil-fors irrenda ruhu hati ta' spergur ghax jista' jkun li l-livell ta' prova rikjest ma jintlahaqx. Konflitt tal-provi jista'*

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-3 ta' Ottubru 2014 .

*jwassal biex il-verzjoni ta' xhud tigi dikjarata naffidabbli; pero` b'daqshekk ma ghandux jfisser li dak il-persuna jkun ta' xhieda falza.*

**Carmignani** innifsu fil-kitba tiegħu "**Elementi di Diritto Criminale"** , jispjega li sabiex iseħħ ir-reat tal-isperġur jeħtieġ li:

1. Li x-xhud ikun iddepona bil-ġurament;

2. Li d-deposizzjoni tkun falza f'xi aspett tagħha b'mod doluż;

3. li din il-falsita' tirreka lil ħaddieħor dannu.

Huwa jżid is-segwenti : -

> 859. *Divien reo di falso nelle sue deposizioni, non solo chi mentisce, ma anche chi tace il vero. Quindi una testimonianza e' imputabile di falsita', ove il testimonio pertinacemente affermi come vero il falso, dichiari falso il vero, o neghi d'aver congnizione d'un fatto che gli e' noto .... Ma nel fissare la imputazione del falso testimonio, convien distinguere se abbia deposto il falso immediatamente intorno al delitto sia poi in genere, o in ispecie; se intorno agli'indizj, siano prossimi, o remoti; e finalmente se intorno a fatti tuttora dubbj, la cui asserzione non potrebbe nuocere per difetto di altre prove che la avvalorassero : in somma e' punibile questo delitto in ragione della quantita' del danno cagionato, avuto riguardo al peso della prova che dalla data testimonianza avrebbe potuto risultare .*

Skond ma jgħid il-ġurista Malti **Giuseppe Falzon** fil-kitba tiegħu "*Annotazioni alle Leggi Criminali*[7]" huwa importanti li meta jiġi eżaminat każ fejn hemm allegazzjoni ta' sperġur, sabiex ir-reat jiġi integrat, irid ikun hemm dikjarazzjonijiet foloz bil-ġurament fuq **aspetti materjali** [8]tal-każ u mhux fuq fatti aċċessjori. Skont l-istess **Falzon**:

> *"In generale le circostanze essenziali sono tutte quelle che formano la prova del fatto principale e delle circostanze aggravanti questo fatto*[9]*".*

---

[7] Malta, 1872, Tipo-Litografia Anglo Maltese, Strada Zecca, No. 36 a fol

[8] Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti

[9] Ibid fol 213.

L-awtur ikompli jghid li:-

> *Il dovere del testimonio e' di dire il vero per quanto lo sa, ossia per quanto di buona fede e' permesso di saperlo; egli promette espressamente di adempire quel dovere col giuramento, e l'adempimento di questo dovere gli viene domandato nell'interesse della legge penale e della giustizia; quindi se tace su cio' che sa, o se dice di non sa nula, manca a questo dovere, e se lo fa di mala fede, o nell'intenzione criminosa commette il reato di falsa testimonianza.*

Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-entenza taghha li fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali, il-**Professur Sir Anthony J. Mamo** jelenka erba' (4) elementi li jridu jkunu prezenti sabiex jissussisti r-reat ta' spergur. B'dawn ikunu:

> *"(i) a testimony given in a cause, whether criminal or civil* – fuq dan l-element Sir Anthony J. Mamo jghid *'It must be a cause, that is to say contentious proceedings which call for a decision';*
>
> *(ii) on oath lawfully administered by the competent authority;*
>
> *(iii) falsity of such testimony in a material particular* – fuq dan il-element l-Manzini fil-ktieb tieghu 'Capitolo XIX - Delitti Contro l'amministrazione della giustizia' jghid li jrid ikun hemm is-segwenti*:*
>
> *"l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza."*

Jghid l-**Antolisei**:

> *"Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato commesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio*

*della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria."*

**Sir Anthony J. Mamo** fuq l-falsita jghid:

> *"Our law does not define in the falsity of the testimony may consist but it is obvious that the same rule laid down in the Italian Code applies. A person perverts the truth in the first place when he affirms what is false or denies what is true. There must be a statement made and therefore the mere refusal to give evidence or to answer any question cannot constitute this crime. …"*

(*iv) wilfulness of such falsity or criminal intent* – Sir Anthony J. Mamo

fuq dan l-ahhar element jghid:

> *"The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. ... Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted."*

L-istess jghid l-**Antolisei:**

> *"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica."*

**Luigi Maino** fil-ktieb tieghu 'Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia' wkoll isostni:

> *"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita. ... Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze."*

Dwar l-gurament falz **Antolisei** fil-ktieb tieghu 'Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia' jghid:-

> *"La ratio dell'incriminazione e evidente. L'autorita' guidizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bisogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete affinche possono essere emessi provvedimenti giusti, e cioe conformi alla lettera e allo spirito della legge. La testimonianza falsa e reticente puo fuorviare l'attivita giudiziaria e per questa raggione viene sottoposta a pena .... Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza."*

Illi fil-kaz in desamina minkejja li dan hu appell tal-Avukat Generali, il-prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova fejn in effetti l-appellanti stqarret il-falz. Il-prosekuzzjoni resqet li Noel Tanti jixhed u jikkonferma li kien waqa lura fil-hlas tal-kera u ma hallasx dak dovut minnu f'okkazjoni darba dabtejn jew tlieta. Jghid ukoll li kien ghalhekk li iddecida li jittermina l-kirja. Hu Noel Tanti, Antoine Tanti jghid li Noel ma kienx hallas xi kirjiet u kien hallashom hu ghan-nom tieghu. L-impjegat Mario Xuereb jispjega kif in effetti l-appellanti kienet tmur ta' sikwit titlob il-kera u kif Noel Tanti waqa' lura mill-hlas tal-kera minhabba li kien waqa' f'depression meta kienet telqitu martu Sylvana.

Min naha l-ohra Sylvana Tanti tghid li mhux minnu li Noel Tanti ma hallasx il-kera u fil-fatt esebiet fotokopja ta' ktieb ta' kera fejn hemm indikat li saru xi kirjiet. Dan il-ktieb pero' mhux datat u fl-ebda hin ma Noel Tanti jew Maria Perrett ma gew mistoqsija dwaru u cioe meta saru l-pagamenti jew min ghamel il-pagamenti hemm

indikati. Dwar dan il-ktejjeb Sylvana Perrett tghid li kien irnexxilha tidhol fid-dar matrimonjali u ssibu. Qatt ma tghid li rat lil zewghha Noel ihalls lil Maria Perrett jew li rat lil Maria Perrett tiffirma dan il-ktejjeb u tirrikonoxxi li kien sar il-hlas. Dan il-librett qatt ma gie konfermat minn xi firmatarju tieghu.

Ghalhekk tali prova *ut sic* ma tikkontradixxix dak li stqarret Maria Perett bil-gurament u konfermat mix-xhieda l-ohra inresqa mill-prosekuzzjoni stess. Zgur li din il-Qorti ma tistax tasal sal grad rikjest mill-ligi biex tikkonkludi li Maria Perrett halfet il-falz a bazi tal-provi imresqa.

Sylvana Tanti tghid ukoll li Maria Perrett qalet il-falz ghaliex ma stqarritx taht gurament li irceviet is-somma ta' €15,000 bhala rigal ghal-kirja l-gdida. Huwa minnu li ma qalitx dan id-diskors pero' qatt ma qalet li ma irceviet xejn. Din id-domanda qatt ma saritilha u allura il-fatt li ma xehditx dwar dan il-fatt ma ifissirx li xehdet il-falz. Kien ikun hemm il-falsita li kieku giet msitoqsija jekk haditx xi rigal jew ppuntu ircevietx is-somma ta' LM15,000 bhala rigal u wiegbet li ma irceviet xejn meta il-fatt irceviet tali flus.

Din il-Qort ghalhekk tiddikajra li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kien wiehed korrett u konsegwetement qeda tichad l-Appell tal-Avukat Generali u tikkonferma is-sentenza mghotija mill-ewwel Qorti fejn ma sabitx lill-appellanti hatja tal-akkuza u illiberatha minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur